

## Dikjarazzjoni ta' Brdo, 6 ta' Ottubru 2021

Aħna, il-mexxejja tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha, f'konsultazzjoni mal-mexxejja tal-Balkani tal-Punent, u fil-preżenza tal-partijiet ikkonċernati reġjonali u internazzjonali, illum ikkonkludejna dan li ġej:

1. L-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ inekwivoku tagħha għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent, u tilqa' l-impenn tas-sħab tal-Balkani tal-Punent għall-perspettiva Ewropea, li huwa fl-interess strateġiku reċiproku tagħna u jibqa' l-għażla strateġika kondiviża tagħna. L-UE tikkonferma mill-ġdid l-impenn tagħha għall-proċess ta' **tkabbir** u d-deċiżjonijiet tagħha meħuda dwaru, abbażi ta' riformi kredibbli mis-sħab, kondizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju tal-merti proprji. Ser inkomplu nintensifikaw l-impenn konġunt tagħna biex immexxu 'l quddiem it-trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali tar-reġjun, filwaqt li nirrikonoxxu l-progress li sar mill-Balkani tal-Punent. Infakkru wkoll fl-importanza li l-UE tkun tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp tagħha stess, filwaqt li tiżgura l-kapaċità tagħha li tintegra membri ġodda.
2. Is-sħab tal-Balkani tal-Punent itennu d-dedikazzjoni tagħhom għall-**valuri u l-prinċipji Ewropej** u għat-twettiq tar-riformi meħtieġa fl-interess tal-popli tagħhom. L-UE tilqa' l-impenn imtenni tas-sħab tal-Balkani tal-Punent għall-**preminenza tad-demokrazija, id-drittijiet u l-valuri fundamentali u l-istat tad-dritt**, u għas-sostenn tal-isforzi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, l-appoġġ għal governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Il-kredibbiltà ta' dawn l-impjenji tiddependi mill-implimentazzjoni sinifikattiva tar-riformi meħtieġa, u mill-bini ta' rekord b'saħħtu sostnut minn komunikazzjoni pubblika ċara u konsistenti. **Soċjetà ċivili** aktar b'saħħitha u **media indipendenti u pluralistika** huma komponenti kruċjali ta' kull sistema demokratika u aħna nilqgħu u nappoġġaw ir-rwol li dawn jaqdu fil-Balkani tal-Punent.

3. L-UE hija bil-bosta **l-eqreb sieħeb** għar-reġjun u **l-investitur ewlieni** u **d-donatur prinċipali** tiegħu. L-iskala u l-firxa bla preċedent ta' dan l-appoġġ **iridu jiġu rikonossuti u jintwerew bis-sħiħ** mis-sħab fil-komunikazzjoni u **d-dibattiti pubbliċi** tagħhom.
4. **L-appoġġ mill-UE** ser ikompli jkun marbut ma' progress tanġibbli fil-qasam tal-istat tad-dritt u r-riformi soċjoekonomiċi, kif ukoll mal-osservanza min-naħa tas-sħab tal-valuri, ir-regoli u l-istandards Ewropej.
5. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-impenn affermat mill-ġdid tas-sħab tal-Balkani tal-Punent għall-**kooperazzjoni reġjonali inklużiva u t-tisħiħ ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat**, inkluż mal-Istati Membri tal-UE. L-implimentazzjoni ta' ftehimiet bilaterali *bona fide* u b'riżultati tanġibbli, inkluż il-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat dwar Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat mal-Bulgarija, tibqa' importanti. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri u deċiżivi biex jitrawmu r-**rikonċiljazzjoni** u l-istabbiltà reġjonali, kif ukoll biex jinstabu u jiġu implimentati soluzzjonijiet definittivi, inklużivi u vinkolanti għat-**tilwim bilaterali** u l-**kwistjonijiet** bejn is-sħab li għandhom l-għeruw tagħhom fl-imġhoddi, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni, u l-każijiet li fadal ta' persuni neqsin u l-**kwistjonijiet ta' delitti tal-gwerra**.
6. Nappoġġaw bis-sħiħ l-isforzi tar-**Rappreżentant Speċjali tal-UE** għad-Djalogu bejn Belgrad u Pristina u kwistjonijiet reġjonali oħrajn tal-Balkani tal-Punent u nistennew li jsir progress konkret miż-żewġ Partijiet fuq in-normalizzazzjoni sħiħa tar-relazzjonijiet ta' bejniethom, li hija kruċjali għall-istabbiltà u l-iżvilupp tar-reġjun kollu u biex tiżgura li dawn jistgħu jkomplu l-mixja rispettiva Ewropea tagħhom.

## **COVID-19**

7. Il-**kriżi tal-COVID-19** tkompli tħalli impatt qawwi fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna. Hija ħarġet fid-deher in-neċessità u l-vantaġġi tas-**sħubija effettiva u mill-qrib** tagħna. L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, baqgħet spalla ma' spalla mal-Balkani tal-Punent matul il-pandemija, b'appoġġ soċjoekonomiku u għas-saħħa lir-reġjun li s'issa jammonta għal total bla preċedent ta' **EUR 3.3 biljun**. Is-sħab tal-Balkani tal-Punent huma involuti mill-qrib finizjattivi tal-UE, b'mod partikolari l-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, is-Sistema ta' Twissija Bikrija, il-Korsiji Ħodor u l-Ftehim ta' Akkwist Konġunt għal kontromiżuri mediċi. L-UE tinsab lesta biex tkompli ttejjeb l-aċċess għall-vaċċini u għall-istrumenti dijanjostiċi u terapewtiċi u tiżgura aħjar il-**prevedibbiltà** u r-**reżiljenza** għal kriżijiet futuri.
8. L-UE tirrikonoxxi wkoll l-**appoġġ siewi mogħti mill-Balkani tal-Punent** matul il-pandemija, lil xulxin u lejn l-UE. Dan jirrifletti s-solidarjetà u l-appoġġ reċiproku li fuqhom hija msawra l-UE. Din il-kooperazzjoni u din il-koordinazzjoni għandhom ikomplu fil-futur, inkluż matul il-fażi tal-irkupru.
9. L-UE ser tkompli tappoġġa l-Balkani tal-Punent b'determinazzjoni, **speċjalment fir-rigward tal-provvista tal-vaċċini**. L-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew lill-Balkani tal-Punent **2.9 miljun** doża ta' vaċċini b'diversi mezzi, u huwa previst li jkun hemm aktar. L-UE ser tappoġġa l-pjanijiet għat-tilqim tas-sħab kollha biex tgħin hom jilħqu rati ta' tilqim simili għar-rata medja tal-UE sa tmiem l-2021.

## **Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent**

10. Wara l-vidjokonferenza tal-Mexxejja tas-Summit ta' Zagreb, l-UE ressqet **Pjan Ekonomiku u ta' Investiment (EIP)** u linji gwida għall-Implimentazzjoni tal-**Aġenda Ekoloġika għall-Balkani tal-Punent**. Il-Pjan jipprevedi **pakkett ta' investiment sostanzjali li jimmobilizza madwar EUR 30 biljun** għar-reġjun matul is-seba' snin li ġejjin, magħmul minn EUR 9 biljun f'għotjiet u EUR 20 biljun f'investimenti, iffinanzjati mill-Faċilità ta' Garanzija l-ġdida għall-Balkani tal-Punent. Sabiex jinkiseb l-akbar impatt potenzjali tal-EIP, jeħtieġ li s-sħab tal-Balkani tal-Punent iwettqu riformi ekonomiċi u soċjali b'determinazzjoni kif ukoll isaħħu l-istat tad-dritt. Il-pjan jista' jixpruna l-irkupru soċjoekonomiku ekoloġiku u l-kompetittività fit-tul tar-reġjun, jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali tiegħu, irawwem il-konnettività sostenibbli, l-integrazzjoni reġjonali, il-kummerċ, u b'hekk ukoll isaħħaħ il-kooperazzjoni u l-konverġenza mal-UE, inkluż mal-miri tal-UE relatati mal-klima.
11. Aħna nilqgħu l-adozzjoni reċenti tal-qafas legali għall-implimentazzjoni tal-**IPA<sup>1</sup> III**, li ser ikompli jkun is-sors ewlieni ta' assistenza finanzjarja għar-reġjun, inkluż għall-EIP. Il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi pakkett ta' investiment ta' EUR 600 miljun taħt l-IPA 2021 għall-implimentazzjoni tal-EIP għall-Balkani tal-Punent, soġġett għal proċeduri f'konformità mal-qafas ta' programmazzjoni u r-regoli ta' implimentazzjoni tal-IPA III. Flimkien mal-proposta ta' EUR 500 miljun imħabbra f'Lulju, dan ser jipprovdi total ta' **EUR 1.1 biljun** għall-implimentazzjoni tal-EIP sa tmiem l-2021.

---

<sup>1</sup> Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)

12. Filwaqt li nirrikonoxxu l-impenn tal-mexxejja tal-Balkani tal-Punent li jimplimentaw bis-sħiħ l-**Aġenda Ekoloġika**, nilqgħu l-ftehim dwar il-Pjan ta' Azzjoni relatat. F'konformità mal-Patt Ekoloġiku, l-Aġenda hija mutur ewlieni għat-tranżizzjoni lejn ekonomiji **moderni, newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, reżiljenti għall-klima u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi**, biex jitgawda l-potenzjal tal-ekonomija ċirkolari, jiġi miġġieled it-tniġġis u jitjieb l-immaniġġar tal-iskart. L-implimentazzjoni tagħha b'suċċess ser tkun teħtieġ impenn qawwi mir-reġjun. Huwa essenzjali li l-isforzi jiġu ffukati biex tiġi żgurata tranżizzjoni rapida u effettiva lil hinn mill-faħam bl-użu ta' fjuwils rinnovabbli jew li jirrilaxxaw inqas karbonju. Is-sigurtà tal-enerġija għandha wkoll tingħata prijorità, inkluż id-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot. L-UE ser tkompli tappoġġa r-reġjun fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ekoloġika, u fl-iżvilupp ta' politika tal-ipprezzar tal-karbonju fil-kuntest tal-Mekkaniżmu tal-UE ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM), inkluż permezz ta' assistenza teknika u finanzjarja.
13. L-EIP jippermetti momentum ġdid biex tittejjeb il-**konnnettività** fid-dimensjonijiet kollha tagħha, kemm fil-Balkani tal-Punent kif ukoll mal-UE. L-UE ser tkompli tappoġġa l-**kooperazzjoni reġjonali** inklużiva. Huma meħtieġa aktar sforzi determinati mill-mexxejja tal-Balkani tal-Punent biex dawn **iwettqu l-impenn tagħhom li jistabbilixxu Suq Komuni Reġjonali**, kif maqbul fis-Summit tal-Proċess ta' Berlin f'Sofija fl-2020. Dan jgħin biex ir-reġjun jimxi 'l quddiem fi triqta lejn l-Ewropa u jikseb benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini u n-negozji. L-isfruttament tal-potenzjal tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali inklużiva huwa essenzjali biex tingħata spinta lill-irkupru soċjoekonomiku tar-reġjun, u biex jinkiseb l-akbar benefiċċju mill-investimenti li jirriżultaw mill-EIP. Jenħtieġ impenn qawwi mir-reġjun kollu kemm hu biex jikkonkludi malajr in-negozjati reġjonali rilevanti.
14. L-UE u l-Balkani tal-Punent jaqblu li jżidu l-isforzi biex **isaħħu l-integrazzjoni tas-suq tal-Balkani tal-Punent mas-Suq Uniku tal-UE**. F'dan ir-rigward, l-EIP jipprovdi bażi solida biex tirrendi effettiva l-integrazzjoni tas-suq tar-reġjun fis-Suq Uniku tal-UE, b'mod partikolari f'oqsma bħall-pagamenti transkonfinali (SEPA), il-prodotti industrijali u għall-konsumatur, il-kummerċ elettroniku u d-dwana.

15. **It-trasport sostenibbli huwa ġebba tax-xewka tal-integrazzjoni ekonomika u soċjali tal-UE u l-Balkani tal-Punent.** Huwa prijorità li tkompli tiġi żviluppata l-konnettività tat-trasport - fir-reġjun u mal-UE, biex jitjiebu l-effiċjenza u s-sikurezza tas-servizzi tat-trasport, u biex jinkisbu l-oġettivi tal-mobbiltà ekoloġika u sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-**konnettività tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni.**

Fil-kuntest tal-konnettività sostenibbli, nilqgħu l-**Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Komunità tat-Trasport** għall-ferroviji, it-toroq, is-sikurezza fit-toroq, il-faċilitazzjoni tat-trasport u t-trasport fuq l-ilma, li ġew approvati reċentement.

16. Abbażi tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim dwar ir-Roaming Reġjonali u l-bidu tar-reġim tar-roaming bla ħlas fil-Balkani tal-Punent mill-1 ta' Lulju 2021, nilqgħu l-pjan direzzjonali għar-roaming, li ser joħloq il-kondizzjonijiet u jistabbilixxi miri ċari għat-tnaqqis tal-**ispejjeż tar-roaming bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent.**
17. Nilqgħu l-kunċett ta' **Korsiji Ħodor bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent** u nappoġġaw l-applikazzjoni Prattika tiegħu fil-fruntieri rilevanti kollha b'rispett sħiħ għall-*acquis* u l-proċeduri meħtieġa tal-UE.
18. **Aġenda ddedikata għall-Balkani tal-Punent dwar l-Innovazzjoni, ir-Riċerka, l-Edukazzjoni, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Isport - "Aġenda ta' Innovazzjoni għall-Balkani tal-Punent"** - tnediet illum. Hija ser tippromwovi l-eċċellenza xjentifika kif ukoll tirrifirma s-sistemi edukattivi tar-reġjun, toħloq aktar opportunitajiet għaż-żgħażaġh, u tgħin biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ. Qed nistennew bil-ħerqa l-implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Azzjoni tiegħu.

## Kooperazzjoni Politika u ta' Sigurtà

19. Huwa sinjal ċar tal-orjentazzjoni strateġika tas-sħab tagħna meta dawn jingħaqdu flimkien mal-UE. Għaldaqstant, naffermaw mill-ġdid l-aspettattiva tagħna li s-sħab ser ikomplu japprofondixxu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-**Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)** u jwettqu progress tanġibbli u sostenibbli lejn **allinjament sħiħ mal-pożizzjonijiet tal-UE fil-politika barranija u jaġixxu kif xieraq**, inkluż mal-pożizzjonijiet fil-fora internazzjonali bħala parti importanti tal-mixja tagħhom lejn l-Ewropa. Nilqgħu l-fatt li xi sħab diġà huma **allinjati bis-sħiħ** mad-deċiżjonijiet u d-dikjarazzjonijiet kollha tal-PESK u nħeġġuhom ikomplu jagħmlu dan. L-UE tinsab lesta li tkompli ssaħħaħ id-**djalogu politiku** dwar kwistjonijiet relatati mal-PESK.
20. L-UE u l-Balkani tal-Punent għandhom għadd ta' **sfidi għas-sigurtà** komuni bejniethom li jirrikjedu azzjoni koordinata. Naqblu li nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna fi kwistjonijiet ċentrali ta' sigurtà, inkluż fil-**livell operazzjonali**, filwaqt li nibnu fuq il-ħidma li saret fil-qafas tal-Aġenda ta' Prijorità ta' Sofija. Is-sħab tagħna jwiegħdu li juru l-impenn tagħhom għas-sigurtà komuni tagħna u li jkomplu jiżviluppaw strumenti effettivi għall-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Huma taw prova tal-impenn tagħhom għall-PESK, billi kkontribwew għal missjonijiet u operazzjonijiet tal-UE, u ser naħdmu flimkien biex inkomplu niżviluppaw l-abbiltajiet u l-kapaċitajiet tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi. L-UE ser issaħħaħ l-impenn tagħha wkoll fl-oqsma tal-mobbiltà spazjali u militari biex tiffaċilita l-aċċess ta' assistenza ċivili-militari għar-reġjun f'każ ta' pandemiji u diżastri naturali.
21. Ser insaħħu l-kooperazzjoni tagħna biex nindirizzaw id-**diżinformazzjoni** u **theddid ibridu** ieħor, li joriġinaw b'mod partikolari minn atturi ta' stati terzi li jippruvaw idgħajfu l-perspettiva Ewropea tar-reġjun. L-UE u l-Balkani tal-Punent ser jirrinfurzaw il-kooperazzjoni **fit-tisħiħ tar-reżiljenza, fit-titjib taċ-ċibersigurtà kollettiva u d-diplomazija ċibernetika tagħna** u fiż-żieda tal-impatt tal-**komunikazzjoni strateġika** tagħna.
22. Infaħħru lis-sħab tagħna għat-tkomplija tal-isforzi tagħhom u l-**kooperazzjoni** konstruttiva tagħhom **rigward** il-migrazzjoni, li taw riżultati ċari. **Il-ġestjoni tal-migrazzjoni hija sfida komuni**, li l-UE u l-Balkani tal-Punent jeħtieġ li jindirizzaw flimkien, fi sħubija mill-qrib.

23. Il-kooperazzjoni tagħna fl-indirizzar tal-isfidi tal-migrazzjoni wriet kemm hi siewja u ser tkompli tiġi żviluppata. L-UE hija lesta li tkompli bl-impenn tagħha u **ssaħħaħ l-appoġġ tagħha permezz ta' approċċ komprensiv imfassal apposta**. L-oqsma ta' prijorità għandhom jinkludu t-titjib tas-sistemi tal-ażil, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u l-migrazzjoni illegali, il-proċessi tar-ritorn, il-ġestjoni tal-fruntieri, l-iskambju ta' informazzjoni, u l-kapaċità tal-akkoljenza. Is-sħab għandhom ikomplu jaħdmu wkoll biex isaħħu s-sistemi ta' ritorn, inkluż il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni mal-pajjiżi ta' oriġini ewlenin. Ser tiġi approfondita l-kooperazzjoni reċiproka, li tuża bl-aħjar mod l-oqfsa eżistenti u l-mezzi disponibbli. Il-kooperazzjoni għandha tiġi intensifikata wkoll mal-Frontex, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil u l-Europol. Il-ftehimiet dwar l-istatus tal-Frontex li fadal għandhom jiġu konklużi mingħajr dewmien.
24. Minħabba l-**gravità tas-sitwazzjoni fl-Afganistan**, l-UE ser taħdem mill-qrib mas-sħab kollha tagħha, inkluż il-Balkani tal-Punent, biex tindirizza l-isfidi li qed jevolvu u tikkoordina azzjonijiet konġunti għalihom, kif xieraq.
25. **It-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-kriminalità organizzata** għadhom ta' theddida serja għas-sigurtà tal-UE u tar-reġjun kollu. Nappellaw għal aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, inkluż il-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu u tar-radikalizzazzjoni. Intenu l-importanza li tittieħed azzjoni determinata biex tiġi indirizzata l-kriminalità serja u organizzata, b'mod partikolari **t-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, il-ħasil tal-flus, u l-kultivazzjoni u t-traffikar tad-drogi**.
26. L-UE hija impenjata bis-sħiħ li tipprevjeni l-kummerċ illeċitu u t-traffikar ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-munizzjon u tagħhom, u ser tkompli tappoġġa l-Balkani tal-Punent f'dan il-qasam, inkluż fil-kuntest tal-pjan direzzjonali speċifiku għall-Balkani tal-Punent kontra t-traffikar illeċitu ta' armi.
27. Sabiex inkomplu nipromwovu l-interessi komuni tagħna, nesprimu r-rieda tagħna li **nerġgħu nagħtu ħajja u nsaħħu d-djalogu politiku regolari mar-reġjun**. F'dan il-kuntest, nilqgħu l-organizzazzjoni tas-**Summits bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent bħala avvenimenti regolari**. Nistennew bil-ħerqa s-summit li jmiss, li ser isir fl-2022.

\*\*\*

28. Jeħtieġ li l-UE u l-Balkani tal-Punent jaħdmu flimkien f'kompiti li jiddefinixxu din il-ġenerazzjoni. Nilqgħu l-inizjattivi tal-Balkani tal-Punent biex jikkontribwixxu għar-riflessjonijiet dwar **il-futur tal-kontinent tagħna**. Nibqgħu impenjati li nisimgħu lill-Ewropej kollha dwar il-kwistjonijiet li huma importanti għalina lkoll – il-protezzjoni taċ-ċittadini u tal-libertajiet, l-iżvilupp ta' bażi ekonomika vibranti u b'saħħitha, il-progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-istat tad-dritt, Ewropa ġusta u soċjali, it-tiżiħ tar-reżiljenza tal-Ewropa, kif ukoll ir-rwol globali ewlieni tal-Ewropa.
29. Nilqgħu l-fatt li s-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent jallinjaw irwieħhom mal-punti ta' hawn fuq.
-